minn Tonio Farrugia

## KAMPJONAT 1952-53 (It-Tieni Parti)

# Debutt mill-aqwa għal Frans "Lula" Bonnici

### IR-RABA' ĠURNATA

**22-11-1952:**
**St.George's FC** .............. 2
**Rabat FC** ........................ 1 **H.T 1-1**
**Ref:** Emmanuel Spiteri
**Skurjaw:** E. Chappelle (R) 1', J. Ciantar (St. Geo) 36' u T. Mallia (St. Geo) 60'.

**ST.GEORGE'S FC**: Ġużi Mugliett, Johnnie Wilson, Frans Purkiss, Ġużi 'Ta' Belsen' Caruana, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, P. Bugeja, Twanny Mallia, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**RABAT FC**: Alfred Zammit, Alfie Pearson, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, George Dalli, Joe 'It-Tufu' Aquilina, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Ernest Chappelle, Charles 'Il-Kis' Zahra, Leli Sammut, Charlie Theuma, Horace Herbert.

1. St. George's kienu qed jilagħbu mingħajr Żużu Rizzo u 'Ħarrubu' Zarb. Rizzo kien jinsab sospiż wara li tkeċċa fl-aħħar ħarġa filwaqt li Zarb kien impenjat mat-tim tiegħu tan-Navy HMS Phoenicia f'partita tal-kampjonat tan-Navy Grupp III kontra HMS St. Angelo.

**23-11-1952:**
**Sliema Wdrs. FC**........... 2
**Hibernians FC** .............. 2 **H.T 1-0**
**Ref:** John W. Naudi-Cesareo
**Skurjaw:** G. Sacco (S) 41', J. Coreschi (H) 50', F. Church (H) 59' u T. Nicholl (S) 84'.

**SLIEMA WDRS. FC**: Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Piju Lebrun, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ġużi Vassallo, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

**HIBERNIANS FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, Joe Xuereb, Victor Formosa, Joe Vella Borg, John Coreschi, Michael Kingston, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Kien hemm protesti ħorox mill-plejers ta' Hibernians kontra l-gowl tad-draw skurjat minn Tony Nicholl sitt minuti mit-tmiem. Il-linesman John Kidd ġustament ordna throw-in favur Hibernians wara li Ġużi Vassallo tal-Wanderers ixxuttja l-ballun barra. Madankollu kien il-plejer Sacco ta' Sliema li ta t-throw-in malajr lejn Sammy Nicholl bil-plejers ta' Hibernians weqfin jistennew lir-referee jwaqqaf il-logħob u jordna t-throw-in favur tagħhom. B'sorpriża r-referee Naudi ħalla l-logħob sejjer minkejja li l-linesman Kidd baqa' jxejjer il-bandiera biex jissenjala t-throw-in favur Hibernians, b'Sammy Nicholl javvanza waħdu qabel qassam lil zijuh Tony li skorja l-gowl tad-draw. Segwew aktar protesti ħorox mill-plejers ta' Hibernians hekk kif ir-referee kkonvalida l-gowl.

2. Fredu Church ta' Hibernians iżżewweġ ġurnata qabel din il-partita iżda ppospona l-honeymoon b'24 siegħa sabiex ikun jista' jilgħab din il-partita kontra l-Wanderers.

3. Hibernians FC kienu mingħajr John Gatt li kien sospiż logħba.

**29-11-1952:**
**Valletta FC**...................... 4
**Ħamrun Sp.** .................... 1 **H.T 1-1**
**Ref:** Major Alfred P. Briffa (R.M.A)
**Skurjaw:** L. Pace (V) 1', G. Psaila (Ħ) 39', P. Zammit (V) 46', L. Pace (V) 67' u Ġ. Borg (V) 76'.

**VALLETTA FC:** Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Ċensu Muscat, Ġużi Azzopardi, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Salvinu Schembri, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**ĦAMRUN SP. FC:** Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Oscar Gatt, George Jones, Ġużi Zammit, Ġużi Borg, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Johnnie McKeown, Romeo Vassallo, Żużu 'Qomos' Sciberras.

1. Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA issospenda lill-plejer tal-Ispartans Ġużi Borg għal żewġ logħbiet wara li dan apposta xxuttja l-ballun fuq il-partitarji ta' Valletta.

2. Ħamrun Spartans tilfu lill-plejer Piju Camilleri għal kollox wara li fil-21 ta' Novembru, 1952, dan emigra lejn l-Istati Uniti fuq il-vapur Nea Hellas.

**30-11-1952:**
**Birkirkara FC** ................ 1
**Floriana FC**..................... 0 **H.T 0-0**
**Ref:** Joe M. Cassar Naudi.
**Skurjaw:** L. Attard (B) 74'.

**BIRKIRKARA FC:** Ray Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Likku' Saliba, Kenneth Valenzia, Munns, Stephen Samut Tagliaferro, Leli 'Il-Qali' Attard, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**FLORIANA FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Willie Xerri, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Lino Farrugia, Lolly Vella, Stan Williams, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.




**It-tim ta' Sliema Wanderers jifirħu bir-rebħ tat-Trophy fuq Hibernians, fl-1952**

**1.** L-ewwel dehra għal Tony Cauchi ma' Floriana FC. Sal-ġurnata tal-lum Cauchi għadu l-aqwa skorer tal-klabb Furjaniż b' 125 gowl fil-kampjonat.

**2.** Il-gowl ta' Leli Attard daħal wara li l-ballun ħabat mad-difensur Lolly Debattista, bil-gowlkeeper Alamango jsalva wara li l-ballun kien diġà qabeż il-linja tal-gowl. Il-gazzetti tal-epoka taw il-gowl lil Attard.

**KLASSIFIKA:**
Valletta FC 7 pti.; St.George's FC 5 pti.; Birkirkara FC, Sliema Wdrs. FC u Hibernians FC 4 pti.; Floriana FC u Ħamrun Sp. FC 3 pti. u Rabat FC 2 pti.

**L-AQWA SKORERS:**
L. Pace (Valletta FC) 6 gowls; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 3 gowls.

## IL-ĦAMES ĠURNATA

**06-12-1952:**
**Floriana FC ..................... 3**
**Sliema Wdrs. FC ........... 1** **H.T 1-0**
**Ref:** Major Alfred P. Briffa (R.M.A)
**Skurjaw:** C. Azzopardi (F) 20' u 49', C. Mattocks (S) 64' u C. Azzopardi (F) 72'.

**FLORIANA FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Willie Xerri, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Lino Farrugia, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Stan Williams, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**SLIEMA WDRS. FC:** Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Tony Nicholl, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Piju Lebrun, Ġużi Pirotta, Ġużi Vassallo, Ninu Calleja, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

**1.** Tony Nicholl ta' Sliema Wdrs u Tony Dalli ta' Floriana ġew sospiżi partita kull wieħed wara argument li nqala' bejniethom f'din il-partita. Nicholl kien irritalja għal foul biż-żewġ plejers jiġu fl-idejn. Anke spettatur ta' Floriana kien irnexxielu jabeż fil-pitch iżda ġie kkontrollat mill-Pulizija qabel wasal ħdejn il-plejers.

**2.** Il-Wanderers ħallew barra lil Lolly Cuschieri 'Tal-Mitejn' minħabba li dan ma niżilx għat-training fil-ġimgħa ta' qabel. Cuschieri kien anke bagħat ir-riżenja tiegħu mill-klabb Slimiż.

**3.** Ġużi Pirotta rritorna fit-tim tal-Wanderers wara li kien ilu nieqes ħdax-il xahar. Huwa kien weġġa' f'partita tal-kampjonat kontra Hibernians fis-26 ta' Jannar, 1952.

**4.** Għalkemm fil-passat tiegħu mal-Wanderers Tony Nicholl lagħab b'suċċess kemm bħala centre forward kif ukoll bħala centre-half huwa xejn ma mar tajjeb fil-pożizzjoni ġdida ta' full back minflok Lolly Cuschieri meta l-plejer li kien fuqu 'Il-Grioss' Azzopardi skorja t-tliet gowls ta' Floriana.

**07-12-1952:**
**Rabat FC ........................ 1**
**Ħamrun Sp. FC ............. 0** **H.T 1-0**
**Skorja:** V. Mallia (R) 39'.

**RABAT FC:** Alfred Zammit, Walter Powell, Alfie Pearson, George Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Charles 'Il-Kis' Zahra, Joe Mizzi, Ernest Chappelle, Maurice Calì-Warrington, Charlie Theuma, Vince Mallia.

**ĦAMRUN SP. FC:** Ġużi 'Il-Yumi' Bonnici, Oscar Gatt, Frankie Grech, George Jones, Frans Borg, Romeo Vassallo, Oscar Bartolo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Johnny McKeown, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Żużu 'Qomos' Sciberras.

**1.** Ċensu Mallia li skorja l-uniku gowl tal-partita kien qed jiddebutta mal-Magpies. Huwa kien ġie akkwistat fit-trasferimenti tas-sajf mingħand Gżira United. Għalkemm il-Malta Football Yearbook tal-1953-54 iniżżel dan il-gowl bħala autogowl ta' Oscar Gatt, fil-verità il-gowl kien skurjat minn Mallia, wara li Oscar Gatt magħfus minn Calì qassam ħażin lura lill-gowlkeeper Ġużi Bonnici, il-ballun ħabat mal-lasta b'Mallia jkun fil-qrib u jpoġġi f'xibka vojta mir-rebound.

**2.** Din kienet l-aħħar partita għaż-żagħżugħ promettenti tal-Ispartans, il-left back Frankie Grech minħabba li ġimgħatjen wara huwa emigra lejn l-Istati Uniti.



It-tim ta' Floriana 1952-53

**13-12-1952:**
**Birkirkara FC ................ 2**
**Hibernians FC .............. 1** **H.T 0-0**
**Ref:** Joseph Spiteri.
**Skurjaw:** J. C. Coulon (H) 59', K. Valenzia (B) 83' u F. Bonnici (B) 91'.

**BIRKIRKARA FC:** Ray Cosby, Sunny Borg Cardona, Leli 'Id-Diju' Borg, Louis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Kenneth Valenzia, Leli 'Il-Likku' Saliba, Stephen Samut Tagliaferro, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

**HIBERNIANS FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Vella Borg, John Coreschi, Michael Kingston, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**1.** Debutt mill-aqwa għal Frans Bonnici 'Il-Lula' meta dan skorja l-gowl tar-rebħa Karkariża, fil-91 minuta. Għal snin twal ismu kien sinonimu mal-klabb Karkariż fejn anke kien l-aqwa skorer tal-klabb qabel ma dan ir-rekord inkiser riċentement minn Michael Galea.

**2.** Il-partita ntemmet fit-93 minuta wara li r-referee deherlu li kellu jżid tliet minuti fuq il-ħin biex jagħmel tajjeb għal ħin mitluf sabiex iddewwew l-gowlkeeper Johnnie Formosa u l-plejer Jean Claude Coulon. Normali fiż-żminijiet tal-lum iżda rari f' dawk iż-żminijiet.

**14-12-1952:**
**Valletta FC ..................... 3**
**St.George's FC .............. 1** **H.T 2-1**
**Ref:** B.S.M Joseph Galea (R.M.A)
**Skurjaw:** N. Bonavia (St. Geo) 16', P. Vassallo 18', L. Pace 44' u S. Rapinett 57'.

**VALLETTA FC:** Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Joe 'It-Tichy' Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Freddie Farrugia, Salvinu Schembri, Leli 'Il-Pesa' Pace, Silvio Rapinett, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**ST. GEORGE'S FC:** Ġużi Mugliett, Johnnie Wilson, Frans Purkiss, Ġużi 'Ta' Belsen' Caruana, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Nenu Bonavia, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Ġużi 'Il-Felli' Ciantar.

**1.** Silvio Rapinett skorja fid-debutt tiegħu ma' Valletta. Huwa kien akkwistat mill-klabb Belti mingħand St. Patrick għal £150. Rapinett kien diġà lagħab mat-tieni tim ta' Valletta fil-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni fid-draw ta' 1-1 kontra Sliema Wdrs. fit-30 ta' Novembru 1952.

**2.** Plejer ieħor Belti li kien qed jiddebutta f'din il-partita kien Freddie Farrugia li kien ġie akkwistat mingħand l-Ispartans fit-trasferimenti tas-sajf.

**2.** Nenu Bonavia irritorna b'gowl fit-tim ta' St. George's FC. Huwa kien irrifjuta li jerga' jiffirma magħhom fil-bidu tal-istaġun qabel ma laħaq ftehim ġdid mal-klabb fit-8 ta' Diċembru 1952.

**3.** Skond il-gazzetta ta' kull ġimgħa

'Leħen is-Sewwa', 14,000 spettatur kienu preżenti għal din il-partita bejn il-leaders Valletta FC u r-runners-up St. George's FC.

**4.** Valletta kisbu d-draw b'mod fortunat meta x-xutt ta' Vassallo deher li ser jiġi milqugħ faċilment minn Mugliett iżda b'sorpriża għal kulħadd il-ballun żelaqlu minn idejh u baqa' dieħel fix-xibka minkejja t-tentattiv iddisprat tad-difensur Ġużeppi Zarb biex jevita l-gowl.

**KLASSIFIKA:**
Valletta FC 9 pti.; Birkirkara FC 6 pti.; St.George's FC u Floriana FC 5 pti.; Sliema Wdrs. FC, Hibernians FC u Rabat FC 4 pti. u Ħamrun Sp. FC 3 pti.

**L-AQWA SKORERS:**
L. Pace (Valletta FC) 7 gowls; C. Azzopardi (Floriana FC) 4 gowls; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC); J. C. Coulon (Hibernians FC) u P. Vassallo (Valletta FC) 3 gowls.

## IS-SITT ĠURNATA

**20-12-1952:**
**Sliema Wdrs. FC............ 1**
**Ħamrun Sp. FC.............. 0** **H.T 1-0**
**Ref:** Joe M. Cassar Naudi.
**Skorja:** M. Walsh (S) 40'.
**SLIEMA WDRS. FC:** Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Piju Lebrun, Maurice Walsh, Ġużi Vassallo, Ninu Calleja, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

**ĦAMRUN SP. FC:** Ġużi 'Il-Yumi' Bonnici, Oscar Gatt, Joseph Jones, George Jones, Franz Borg, Leli 'It-Tirjule' Borg, Oscar Bartolo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Romeo Psaila.

**1.** Fis-17 ta' Diċembru 1952 il-plejer-coach ta' Ħamrun Johnnie McKeown ħalla Malta lejn l-Iskozja fejn ingħaqad mall-klabb Skoċċiż Stenhousmuir. McKeown skorja żewġ gowls fid-debutt magħhom kontra Albion Rovers. Il-kuntratt tiegħu mall-klabb Malti twaqqaf wara qbil bejn iż-żewġ naħat wara li l-plejer Skoċċiż kien naqas li jħalli l-impatt mixtieq. Is-segretarju tal-Ispartans Joseph M. Zammit Cordina kien l-uniku membru tal-Kumitat tal-Ispartans li akkumpanjah sal-ajruport.

2. Lolly Cuschieri rranġa d-differenzi li kellu mall-klabb Slimiż u rritorna f'din il-partita fejn kien l-aħjar plejer tal-logħba.


It-tim ta' St. George's 1952-53